MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1213/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**

**VS**

**JEAN PIERRE GATT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jean Pierre Gatt detentur tal-Karta tal-Identita` numru 435082 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-20 t`Awissu, 2011, ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18:30hrs) gewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Victoria Zammit minn Birkirakara;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fin-nuccali tax-xemx ta` Victoria Zammit meta l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Rat u ezaminat id-dokumenti mressqa;

Semghet il-provi prodotta;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 218, 325 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat u l-ammissjoni volontarja u in kondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqsatant tikkundannah ghal terminu ta` xahrejn habs sospizi ghal perjodu ta` sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28 (A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Per di piu` din il-Qorti qieghda timpedixxi lill-imputat mill-ebda mod ma jkellem, idejjaq u jimmolesta lill-vittma

Victoria Zammit ghal kwalsiasi raguni ghal perjodu ta` sena (1) mil-llum. Din l-ammissjoni hija bla pregudizzju ghal kwalunkwe proceduri ulterjuri Civili li jistghu jeminaw minn dan il-kaz.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------